KLR 25/VI/2011

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa, 27 ta' Lulju 2011 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Il-membri ġew mgħarrfa li l-kiosks tal-festi li jbiegħu l-ikel inħarġu fit-triq ta' bejn il-*bus terminus* u l-*playing field*. Dan sabiex ikunu aktar fil-qrib.

1.2 Il-Perit Valerio Schembri li kellu jlesti żewġ rapporti li jirrigwardjaw Pjazza San Ġorġ u l-offerta tal-ġbir ta' l-iskart domestiku ġie ikkuntatjat diversi drabi mill-uffiċċju tal-Kunsill. Dawn ir-rapporti għadhom ma tlestewx.

**2. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjoni numru 55 ġiet imressaq mill-kunsillier Buttiġieġ u ssekondata mill-kunsillier Portelli.

**Nipproponi li fil-parti t'isfel (żewġ filati) tat-tmin ħnejjiet li hemm fi Pjazza San Ġorġ jinbiddlu li jsiru qoxra tal-ġebel mill-istess granit li bih inkseit il-pjazza. Dan minħabba li l-ġebla ttieklet bil-melħ u qed jagħti dehra kerha.**

Billi din l-*area* taqa' taħt l-Awtorita' tad-Djar, il-membri qablu li dan is-suġġeriment jgħaddi lil-Awtorita'.

**3. Estmi 2011**

Is-Seg. Eżekuttiv resqet draft ta' l-estmi ta' din is-sena u dan ġie approvat skond dokument A anness.

**4. Approvazzjoni tal-Kontijiet**

Ġew appriovati l-kontijiet skond dokument B anness. Ġie approvat ukoll il-kont ta' Nicky Saliba tax-xogħol li kien għamel fil-Kunsill preċedenti fil-*Housing Estate* taċ-Ċawla. Skond iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit Edward Scerri dan jammonta għal €23,308.45. Il-membri qablu li dan ix-xahar jitħallsu €5,000 minn dan il-kont.

Is-Seg. Eżekuttiv resqet lista ta' kontijiet pendenti skond dokument Ċ. Din intalbet isir fil-laqgħa li għaddiet. L-*accountant* tal-Kunsill ġie mistieden jidħol fil-kamra. Hu spjega s-sitwazzjoni finanzjarja li sab dan il-Kunsill fil-bidu tiegħu. Dan skond dockument D anness. Il-membri qablu li r-residenti tar-Rabat għandhom jiġu mgħarrfa bid-dettalji kollha fil-*leaflet* li ser jinħareġ.

**5. *Marsovin Wine Festival***

Is-Sindku gaħrraf lill-membri li dan il-festival ser isir fiċ-Ċittadella fid-29 u 30 ta' Lulju 2011. Il-membri qablu li l-Kunsill iħallas id-dawl u *s-sound* kif sar qabel.

**6. Ktieb Belt Victoria**

Is-Sindku ssuġġerixxas li l-Kunsill jara x'jiswielu li jippubblika ktieb b'ritratti professjonali fuq ir-Rabat. Il-membri qalbu li tinġab stima u l-ktieb ikun simili fil-format għal dak li għadu kif ġei stampat fuq il-Bażilika ta' San Ġorġ bir-ritratti ta' Daniel Ċilia. Dan jista' wkoll jiġi *launched* fl-attivita' ta' għeluq il' 125 sena minn meta r-Rabat ingħata t-titolu ta' Belt.

**7. *Website* tal-Kunsill**

Intalbu diversi stimi sabiex issir website ġdida tal-Kunsill. Philip Sultatan biss issottometta l-istima siteghu li hi ta' €500 li tinkludi *graphic design* tas-sit, *setting* u *uploading* u *content management system*. Il-membri qablu ma l-istima.

**8. *Leaflet/magazine* tal-Kunsill**

Il-membri qabluli jinħareġ fuljett kull tlett xhur li jkun jinkludi materjal relatat mas-servizzi li joffri l-Kunsill u informazzjoni oħra. Darba fis-sena imbagħad jinħareġ *magazine* b'ritratti ta' xogħol li jkun twettaq.

**9. Ħidma Sotto-kumitati**

Is-Seg. Eżekuttiv resqet il-minuti tal-laqgaħt li saru tas-sotto-kumitati tal-finanzi u Akkademja Belt Victoria. Dawn skond dokumnet E anness. Is-Sindku ta' wkoll dettalji rigward il-laqgħa li saret tas-sotto-kumitat tal-PR. Waqt id-diskussjoni il-membri qablu li l-Perit li jaġġudika x-xogħol m'għandux ikun il-Perit li jkun ħejja l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerta li tkun ħarġet. Ġie suġġerit li jista' jitqabbad il-Perit Gordon Vella bħala perit supplementari. Il-membri qablu.

**10. *Traffic-Management* - Triq Repubblika – Pjazza Savina**

Il-membri qablu li jintalab lit-Tansport Malta (TM) sabiex isir monitoraġġ tat-traffiku li jgħaddi minn Triq Repubblika sa Pjazza Savina. Tqajjem il-punt rigward il-konġestjoni li qed joħolqu l-karozzi tal-linja fuq il-mod kif jipparkjaw kif jniżżlu t-turisti fi Pjazza Savina. Il-membri qablu li din il-kwistjon I għanda tiġi rappurtata lit-TM.

**11. Post *coaches* tat-Turisti**

Is-Sindku qajjem il-problema li nħolqot meta saret ir-riforma fit-trasport pubbliku peress li l-coaches tat-truisti m'għadhomx jipparkjaw fil-bus Terminus. Il-membri qablu li dawn jitħallew jipparkjaw fil-parkeġġ il-kbir bejn nofs in-nhar u l-16.00 biss ħlief għal dawk riservati għal open-top buses li bid-dritt irid ikollhom post allokat għalihom.

**12. Ġemellaġġ Comacchio**

Is-Sindku għarraf lill-membri li delegazzjoni minn Comacchio għandhom iżuru lill-Għawdex fil-bidu ta' Settembru 2011.

**13. Skema Eko-Għawdex**

Il-membri qablu li jekk id-dawl ġdid għall-*playing filed* mhux kopert fl-applikazzjoni ta'l-UE u lanqas dak li diġa kien gie applikat għalih fl-applikazzjoni ta' qabel jiġi nkulż fis-sejħa l-ġdida ta' eko-Għawdex. Suġġerimenti oħra jekk ikun baqa' x'jiġi allokat, kienu l-kisi tat-toroq Alfons Maria Ħili, Pjazzetta Parti Akkursju Xerri u Triq l-iskola. Ma dawn jiġi nkluż it-tiswija ta' l-ewwel parti ta' Triq San Ġorġ (minn San Ġorġ tal-Ħaġar il-fuq). Dan peress li fl-iskema eko-Għawdex hemm inkluż il-*pedestrianisation* tat-toroq.

**14. Pjazza San Ġorġ**

Is-Sindku għarraf lil-preżenti li ġie ikkuntatjat minn John Grima, id-disinjatur tal-funtana proposta għal-Pjazza San Ġorġ. Hu qed jissuġġerixxi li l-funtana isir l-isfel mill-wiċċ ta' l-art billi jinħolqu żewġ tarġiet l-isfel fiċ-ċirku ta' fejn għandu jsir il-*water element*. Tressaq ukoll disinn ta' kif tkun tidher *cross section.* Il-proposta hi li fix-xahar ta' Lulju, għall-festa ta' San Ġorġ, il-funtna tiġi mogħttija b'xi mod. Il-membri qablu li qabel tittieħed deċiżjoni, l-Kunsill għandu jitlob lill-MEPA il din tkun koperta mill-fondi diġa' allokati fuq il-proġett ta' Pjazza San Ġorġ. Ta' min jinnota li l-fondi li baqa' jiġbor il-Kunsill twaqqfu meta ittieħdet id-deċiżjoni li ma ssirx il-funtana tal-bronż minħabba li l-Kunsill m'għandux biex jiffinanzjha. Il-membri qablu wkoll li għanda toħroġ l-offerta li tinkludi l-funtana tal-bronż, it-trasport, it-twaħħil tagħha, il-preparamenti ta' l-art ta' fejn għandha titpoġġa u l-materjal li bih ser tiġi mgħottija fix-xahar ta' Lulju. Il-kunsillier Schembri rrimarka li din ser tkun spiża sostanzjali.

## 15. Triq Palma

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li xi sidien tal-ħwienet minn Triq Palma avviċinawh u qed jissuġġerixxu li waqt il-ħinijiet tal-ftuħ ta' ħwienet ma jkiuns hemm parkeġġ fit-triq. Il-membri ma qablux li għandu jitneħħa peress li dan l-aktar jintuża mir-residenti. Qablu wkoll li għandu jintalab il-permess tat-TM sabiex fl-ewwel parti ta'Triq Palma, kantuniera ma Triq Repubblika, jiżdied parkeġġ ieħor.

## 16. Wied il-Lunzjata

Il-membri qablu li għandu jinqata' l-*ħaxix ħażin* tal-parti li taqa' f'idejn il-Kunsill tar-Rabat. Għandu wkoll jeħlu tabelli li jippromwovu l-indafa u oħra – *Welcome to Lunzjata Valley* - li tkun bl-arma tal-Kunsill tar-Rabat.

## 17. Korripsondenza

Tresqet korrispondenza mingħand:-

17.1 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali fuq :-
17.1.1 Memo44/2011 – Skema ta' Għajnuna finanzjarja għal korsijiet *Lifelong Learning,*
17.1.2 Memo 52/2011 – *European Mobility Week - Car Free Day* 2011;

17.2 it-Transport Malta (TM) dwar il-ħruġ ta' permess għal-:-
17.2.1 *un/loading bay* fi Triq l-Ewropa quddiem Azzopardi Auto Centre;
17.2.2 *un/loading bay* fi Pjazza J. F. Kennedy quddiem Home Style;
17.2.3 *double yellow lines* faċċata tal-garaxx ta' Ismael Sultana fi Triq Sannat;
17.2.4 *no parking except for un/loading* mis-07.00 sat-15.30 fi Pjazza Indipendneza wara l-monument ta' Kristu Re;
17.2.5 *double yellow lines* quddiem l-uffiċċju ta' l-MTA fi Pjazza Indipendenza.
17.2.6 talba għal-*un/loading bay* quddiem 11A, Triq San Duminku. Din it-talba ġiet irrifjutata minħabba li mhix skond ir-regolamenti.

17.3 il-MEPA dwar PC application 15/11 f'tal-Ħawt fi Triq Dawwara. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

17.4 is-sid ta' Café' San Ġorġ ta' Pjazza San Ġorġ. Dan talab sabiex jitwaħħlu l-umbrellel tal-ħanut ma' l-art b'mod li ma jiġix affetwat il-granit. Dan billi l-viti jeħlu fil-fili. Intalab dan sabiex tiġi evitata l-problema tas-sadid li jerħi mill-pjanċi taż-żingu li bħalissa jżommu l-umbrellel. Il-membri qablu ma dan;

17.5 David's Bakery fejn irringrazzja lill-Kunsill ta' l-opportunita' li taw waqt is-Serata di Gola. L-affarijiet ta' David's Bakery ġew offruti kolha mingħajr ħlas;

17.6 il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi rigward logħob kompettiitv fix-Xlendi;

17.7 Andrew Gatt rigward inkonvenjenza għar-residenti tat-toroq Vajringa, l-iskola u Alfons Maria Ħili meta jkun hemm purċisjonijiet mill-Fontana;

17.8 il-Gozo Youth Wind Band and Orchestra fejn talbu għajunun finanzjarja għal attivita' organiżżata minnhom. Peress li din tmur kontra r-regolamenti tal-Kunsilli Lokali, it-talba ma ġiets aċċettata;

17.9 Dolindo Cassar fejn irringrazja lill-Kunsill tax-xogħol li sar fit-tiswija ta' madum miksur fi Triq Sant' Indrija;

17.10 l-uffiċċju ta' l-Anzjani rigward it-tiġdid tal-kuntratt tad-*Day Care Centre* f'Għajnsielem;

17.11 Maria Arrigo ta' 'Beppe' Triq l-Arċisqof Pietru Paċe fejn tablet sabiex faċċata tal-garaxx tagħh, jiġifieri n-naħħa l-oħra tat-triq jitneħħa l-parkeġġ peress li ma jkuux jistgħu joħroġu bil-vettura tagħhom. Il-membri ma qablusli jitneħħa l-parkeġġ f'din it-triq arterja;

17.12 Grace Ħaber ta' 59, Triq Pompei, fejn talbet one mtere single line mal-ġnub tal-garaxx tagħha peress li ma tkunx tista' toħroġ bil-vettura tagħna. Il-membri ma qablux li dawn is-sinjali jisru jekk quddiem residenzi ta' ħaddieħor;

17.13 Dr. Justyne Caruana għan-nom ta' Darren Pace rigward il-ħlas ta' €200 għall-parteċipazzjoni bil-karru fil-Karnival li għadda;

17.14 Dr. John L. Gauci għan-nom ta' Marvic u Josienne Buġeja. Din rigward inċident li seħħ fi Triq Vajringa meta waqgħet parti żgħira minn xhelter. Dan ix-xelter mhux devolut lill-Kunsill u għaldaqstant jaqa' f'idejn il-Gvern Ċentrali. Ta' min jinnota li t-tiswijiet saru minn naħa tat-Taqsima tat-Toroq. L-avukat tal-Kunsill irrispondiet din l-ittra;

17.15 Dr. Angele Formosa li kitbet għan-nom ta' Anthony Attard rigward ċitazzjoni fuq vettura numru KOP 909;

17.16 id-Direttur ta' l-Oratorju Don Bosco fejn għarraf lill-Kunsill li rebħu premju fuq il-proposta ta' kompetizzjoni nazzjoniali li ġġib l-isem' In Town without my Car'. Il-membri qablu li l-Oratoju Don Bosco għandu jiġi nfurmat li sabiex issir din l-attivita' jridu jitqabdu l-gwardjani lokali minn naħħa tagħhom.

**18. Materji oħra**

18.1 Il-membri qablu li jsiru dawn it-talbiet lit-TM sabiex isir:-
18.1.1 *double yellow line* fil-kantunieri ta' sqaq fi Triq Għar Gerduf;
18.1.2 *one metre yellow line* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Maple Leaf', Flat 15, Triq Pawlu Portelli;
18.1.3 *electric vehicle charging station* fi Pjazza San Franġisk;
18.1.4 parkeġġ għall-vetturi żgħar biss fi Triq Taħt Putirjal u ssir għall-muturi.

Il-membri qablu li:-

18.2 jiġu mġedda l-*insurance policies* ma Citadel Insurance;

18.3 jinxtraw kotba bl-isem 'St. George, Gozo's Golden Basilica'. Dan sabiex jintuża għall-rigali meta l-Kunsill ikun fuq delegazzjonijiet barra minn pajjiżna;

18.4 x-xogħol ta' tqaxxir ta' parti minn Triq Pompei isir minn Road Construction Ltd. Dan peres li l-orħos offerta li ntefgħet kienet tagħom. Il-prezzijiet li ntefgħu huma kif ġej.
Gatt Tarmac Ltd. - € 4996 u Road Contruction Co. Ltd. - €2576.38;

18.5 jitranġa globu ta-dawl li hemm fil-*playing field* taċ-Ċawla H. E.;

18.6 jitrnaġaw dawn il-bankini quddiem:- 5, Triq Sir Arturo Mercieca, kantuniera fi Triq Borġ Geritu, 'Santa Marija, Triq Karlu Galea u 18, Triq il-Mitħna;

18.7 l-parkeġġ ta' meġenb dak riservat għall-Kurja jiġi miżbuħ bl-abjad;

18.8 jinżabbru s-siġar tal-parkeġġ il-kbir tal-*Bus Terminus*. Id-Dipartiment ta' l-Agrikultura ta stima ta' €23 kull siġra;

18.9 f'isem il-Malta Rabbit Club, il-Kunsill jiltob lid-Dipartiment ta' l-Agrikultura sabiex issir wirja fil-ġnien tad-dawwara;

18.10 li l-Kunsill ikollu spazju fil-'Parlament Magazine – European Politics and Policy Magazine';

18.11 is-Sindku u l-Viċi-Sindku għandhom l-opportunita ta' *study visit* fil-parlament Ewropew bejn Ottubru u Novembru 2011;

18.12 għalissa ma jibqgħux jintbgħatu ittra ta' l-avukat tal-Kunsill rigward ċ-ċitazzjonijet antiki li għadhom ma tħalsux. Dan sabierx il-Kunsill ikollu *feedback* fuq l-ittri li nħarġu s'issa;

18.13 jsir ilment ma l-organiżżaturi tan-Notte Gozitana sabiex ma Triq Repubblikama tingħalaqx mill-Erbgħa ta' qabel kif ġara din is-sena meta ntrama palk f'nofs it-triq;

18.14 ssir attivita' ta' tindif fi Triq Wied Sara fl-okkażjoni ta' Clean up the World. Din ser issir mill-ħaddiema tal-Mc Donalds fis-16 ta' Settembru 2011;

18.15 tintalab pjanta tal-Perit biex isiru parking bays fi Pjazza J.F. Kednnedy fil-faċċata fejn m'hemmx bini u fi Triq l-Universitas. Imbgħad jintbgħatu għall-approvazzjoni tat-Transport Malta;

18.16 jitressaq l-*hanger* ta'l-iskart ta' fejn blokk IA f'taċ-Ċawla H. E. qrib il-parti fejn hemm l-egħlieqi.

18.17 Is-Sindku ressaq proposti suġġeriti minn Miriam Portelli li hi għalliema fl-iskola Primarja Sir Arturo Mercieca, sabiex jiġu nvoluti t-tfal Rabtin f'attivtajiet organiżżati mill-Kunsill. Il-membri qablu mal-proposti.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lil membri li:-

18.18 nħarġet l-offerta għax-xogħol fuq barra fl-*area* taċ-Ċawla H. E. u bdew il-korsijiet tal-*Parental Skills* fiċ-Ċentru Rgħaj it-Tajjeb. Dan il-proġett qed isir in konnesjoni ma' L-Awtorita' tad-Djar;

18.19 l-aħħar kont tad-dawl u ilma ta' l-uffiċċju tal-Kunsill ġie €0. Dan peress li l-Kunsill ilmenta fuq il-kontijiet għoljijn li kien qed jirċievi, fejn dawn l-aħħar 15 –il sena l-kont kien ikun minimu;

18.20 l-kenniesa tal-kunsill nadfu taħt il-*hangers* fejn jiddendel l-iskart dometiku f'taċ-Ċawla H.E. Dawn kienu nodfa l-Ħamis 21 ta' Lulju, pero' l-għada reġa ntefa l-iskart taħthom;

18.21 kellha talba sabiex it-Telgħa ta' Majru tiġi *one way* l-isfel. Il-membri ma qablux peress li t-toroq li jeħduk għar-raħal ta' Kerċem huma kollha *one way*;

18.22 l-ħames arbli li saru ta' l-*istainless steel* ġew jiswew b'kollox €1,291.90. Il-membri qablu li dawn jintużaw biss mill-Kunsill u ma jiġu mislufa lil ħadd;

18.23 nħarġu l-permessi għal dawn il-*one day events*:-
18.08.11 – Friends of the Sick and Elderly – *Rock Concert* fi Pjazza Katidral,
19.08.11 – Komunita' Tiġi Saltnatek – *Healing Service* fi Pjazza San Ġorġ,
11.09.11 – St. Benedict College Chess Academy – *Chess Experience* fi Pjazza San Ġorġ,
14.09.11 – Vivian Corporation – *Diabetes Awareness* fi Pjazza San Ġorġ,
17.09.11 – Grapes Wine Bar – *Live Music* (Puse') fi Pjazza San Ġorġ.

18.24 l-€5,000 mil-iksema ta' l-attivitajiet għas-sena 2010 maħruġa mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali għaddew lill-Kunsill fis-17 ta' Lulju 2011;

18.25 qed isir ilment li ż-żurżieqa li tinsab fil-palying filed tal-H.E. taċ-Ċawla mhix tajba għat-tfal ta' tlett snin. Il-membri ma qablux li din titneħħa peress li din kienet inxtrat mill-Malta Playing Fields Association u għalhekk hi ta' l-istandard;

18.26 ntbgaħtet korrispondenza lir-residenti ta' blokk B f'taċ-Ċawla H.E. minħabba li qed jinħoloq inkonvenjent meta jintaxru l-ħewjjeġ barra.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30.

Dr. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Seg. Eżekuttiv